MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 556/2006

**Andre Scerri Enterprises Limited**

**Vs**

**Grazio sive Lizio Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avvizipprezentat fit-23 ta’ Gunju, 2006 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ghadu jigi kkundannat ihallas s-somma ta’ tmien mija u ghoxrin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm820.75) rapprezentanti bilanc dovut ghal prezz ta’ xoghol mibjugh u konsenjat minnha lill-konvenut u dan ghar-rigward tas-somma ta’ hames mija u tlieta u tletin lira u kif ukoll l-imghax legali relattiv fis-somma ta’ mitejn u sebgha u tmenin lira u digha u sebghin centezmu inkors fuq l-ammont dovut sad-data tal-prezentata tal-avviz.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta ghal kontestezzjoni ghall-istess talba attrici.

It-Tribunal sema' u kkonsidra x-xhieda moghtija mill-istess minn Dr Christian Grima ghan-nom tas-socjeta` attrici fejn ikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lil-konvenut ihallsha s-somma mitluba ta' tmien mija u ghoxrin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm820.75) bl-imghax ulterjuri li jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1567/06 kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------